MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 274/2006

**Il-Pulizija**

**(Spt. S. Valletta)**

**Vs**

**Melvin Mifsud**
**Omissis**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant u persuna ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :**
**a) f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-3 t'Awissu 2004 u l-4 t'Awissu 2004, fir-Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Hilman Hunter bin-numru tar-registrazzjoni BAV 597, ikkwalifikat bil-hin, mezz u valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), kif ukoll**

**bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Carmelo Grech mir-Rabat;**
**b) kif ukoll f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-12 ta' Settembru 2004 u t-13 ta' Settembru 2004, fir-Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LAI 905, ikkwalifikat bil-hin, mezz u valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), kif ukoll in-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Emanuel Gatt mir-Rabat;**
**c) kif ukoll f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-16 ta' Settembru 2004 u s-17 ta' Settembru 2004, fir-Rabat Malta, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Datsun Bluebird, bin-numru tar-registrazzjoni IAF 905, ikkwalifikat bil-hin, mezz u valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Joseph Xuereb mir-Rabat;**
**d) kif ukoll f'Tas-Sliema, fit-28 t'Awissu 2004, ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu, ikkommettew serq ta' oggetti, u cioe' basket li kien fih diversi dokumenti, flus u affarijiet ohra, ikkwalifikat bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Monika Tonna Barthet minn Tas-Sliema;**
**e) u aktar, fl-Imsida, fis-17 ta' Settembru 2004, ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' basket li kien fih mobile phone, flus u affarijiet ohra, ikkwalifikat bil-vjolenza kif ukoll bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Cynthia Grixti minn B'Kara;**
**f) kif ukoll f'San Pawl il-Bahar, nhar is-17 ta' Settembru 2004, ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu, ikkommettew serq ta' oggetti, u cioe' basket li kien fih flus, mobile phone u affarijiet ohra, ghad-detriment ta' Carmela Spiteri minn Hal Qormi;**
**g) kif ukoll waqt li kienu fil-Mosta, nhar is-17 ta' Settembru 2004, ghal habta tal-hdax u kwart ta' filghodu, kkommettew serq ta' oggetti, u cioe' basket li kien fih mobile phone, flus u xi dokumenti ohra, li sar ghad-dannu ta' Angiolina Brincat min-Naxxar;**
**h) u aktar waqt li kienu f'B'Kara, nhar is-17 ta' Settembru 2004, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' basket li kien fih mobile phone, xi hwejjeg, flus u affarijiet**

**ohra, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), u li sar ghad-detriment ta' Josephine Chircop minn B'Kara;**
**i) u aktar waqt li kienu Rahal Gdid, nhar is-17 ta' Settembru 2004, ghal habta tas-sitta u hamsa u ghoxrin minuta ta' filghaxija, kkommettew serq ta' oggetti u cioe' basket li kien fih nuccali tal-vista, flus u affarijiet ohra, ghad-dannu ta' Mary Grima minn Rahal Gdid;**
**j) u aktar waqt li kienu fil-Mellieha, nhar it-18 ta' Settembru 2004, ghal habta tas-sebgha u ghaxra ta' filghodu, ikkommettew serq ta' basket ghad-detriment ta' Josephine Debono mill-Mellieha;**
**k) kif ukoll waqt li kienu f'San Pawl il-Bahar, nhar it-18 ta' Settembru 2004, ghal habta tas-sebgha u erbghin minuta ta' filghodu, ikkommettew serq ta' basket li kien fih nuccalijiet tal-vista kif ukoll xi flus, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), u li sar ghad-detriment ta' Mary Deguara mill-Iklin;**
**l) u aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 ta' Settembru 2004 u t-13 ta' Settembru 2004, waqt li kienu fir-Rabat, Malta, bil-hsieb li jikkommettu delitt, u cioe' serq ta' vettura tal-ghamla Austin Mini, ikkwalifikat bil-hin, mezz kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom;**
**m)u aktar talli nhar is-16 ta' Settembru 2004, ghal habta tal-10.25 ta' bil-lejl, waqt li kienu Hal Qormi, bil-hsieb li jikkommettu delitt, u cioe' serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina bin-numru tar-registrazzjoni KAE 834, ikkwalifikat bil-hin, mezz kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Joseph Azzopardi minn Santa Venera, urew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom;**
**n) u aktar talli fit-28 t'Awissu 2004, waqt li kienu f'Tas-Sliema, ghal habta tas-6.30 ta' filghodu, bil-hsieb li jikkommettu delitt, u cioe' serq ta' basket b'xi affarijiet**

**fih, ikkwalifikat bil-hin, ghad-detriment ta' Michelle Greenway minn Tas-Sliema, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom;**
**o) u aktar talli fit-18 ta' Settembru 2004, waqt li kienu fil-Mosta, ghal habta tal-9.45 ta' filghodu, bil-hsieb li jikkommettu delitt, u cioe' serq ta' basket ikkwalifikat bil-vjolenza, ghad-dannu ta' Annette Vella mill-Mosta, urew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta' taghhom;**
**p) u aktar talli waqt li kienu fil-Mosta, nhar is-17 ta' Settembru 2004, ghal habta tas-1.45 ta' wara nofsinhar, ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Cynthia Grixti minn B'Kara, skond ma ccertifika Dr Malcolm Borg M.D. tal-Isptar San Luqa;**
**q) kif ukoll talli nhar it-18 ta' Settembru 2004, waqt li kienu fil-Mosta ghal habta tal-9.45 ta' filghodu, kkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Annette Vella mill-Mosta, skond ma ccertifika Dr Raymond Grixti M.D., mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;**
**r) u finalment omissis gie akkuzat wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 221, 261, 263, 264, 267, 270, 271, 276, 280(2), 289, 37, 41 u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-istess ammissjoni tieghu, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'Awissu 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :
a) tikkonfermaha fil-parti tar-reita'; u

b) thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena/sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat illi l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw l-piena huma li ghalkemm hu jrid jiskuza ruhu w jaf li ma tezisti ebda gustifikazzjoni ghall-eghmilu, hu kien ammetta w spjega fid-dettall l-involviment tieghu meta ghamel l-istqarrija tieghu w ammetta quddiem l-Ewwel Qorti fi stadju verament bikri. Illi hu mhux tossiku dipendenti; li z-zamma tieghu fil-facilita' korrettiva ta' Kordin mhux rakkomandabbli, li dan kien kaz ta' follia w avventura taz-zghozija. Li hu dejjem hadem; li l-fatt li l-ko-akkuzat inghata l-istess piena ma jfissirx li hu ghandu jinghata l-istess piena, ghax, ghalkemm il-ko-akkuzat kien taht l-eta' w allura bbenefika mid-dispozizzjoni tal-artikolu 37, hu kien ukoll recidiv, mentri l-appellant mhux recidiv. Illi l-appellant ghamel riferenza ghar-rapport tal-ufficjal probation. Li l-Prosekuzzjoni kienet sahansitra favur li jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza skond l-art. 28A tal-Kodici Kriminali.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant. Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999],** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

F’dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi. Di fatti, skond l-artikolu 279(a), il-piena massima ghar-reat ta’ serq fejn il-valur tal-oggett misruq ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) – reati li l-appellant instab hati ta’ diversi minnhom fis-sensiela twila ta’ serqiet minnu kommessi - setghet addirittura kienet wahda ta’ tlitt snin prigunerija. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 li jistabilixxi li l-piena fil-kaz ta’ reat kontinwat tista’ tizdied sahansitra b’ zewg gradi, l-piena massima setghet titla’ ghal wahda ta’ hames snin prigunerija. Inoltre l-appellant instab hati ukoll ta’ reat kontinwat ta’ diversi tentattivi ta’ serq u ta’ reat kontinwat ta’ zewg reati ta’ feriti ta’ natura hafifa fuq il-vittmi tal-istess serqiet. Fil-kaz tat-tentattivi ta’ serq bir-reat kontinwat il-piena setghet titla’ ghall-erba snin prigunerija. Fil-kaz tar-reat kontinwat fuq ir-reati ta’ offizi ta’ natura hafifa, l-piena massima setghet titla’ sa’ disa’ xhur prigunerija. Ghalhekk, komplessivament bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, l-appellant setgha wehel piena massima ta’ seba snin u erba xhur u nofs prigunerija.

**Illi mbaghad dan zgur li ma kienx kaz ta’ xi *first offender* ghaliex l-appellant kien gja nstab hati ta’ serq ta’ petrol minn karozza f’ okkazzjoni wahda, li hebb ghall-ommu f’ okkazzjoni ohra w li kaguna offizi ta’ natura hafifa fuq persuna f’ okkazzjoni differenti, b’ sentenzi rispettivi tal-19 ta’ Settembru, 2003, 15 ta’ Jannar, 2004 u 11 ta’ Frar, 2003. B’ dana kollu wara dawn is-sentenzi, f’ Awwissu w Settembru, 2004, jidher li l-appellant kif jghidu bl-Ingliz *“went on the rampage”* u kkommetta sensiela interminabbli ta’ serqiet ta’ u minn vetturi, tentattivi ta’ serq, serq ta’ handbags f’ kazijiet ta’ *“snatch and grab”* u sahansitra offizi ta’ natura hafifa fuq persuni li gew xipati minnu.**

**Il-konsiderazzjonijiet imressqa mill-appellant fir-rikors tieghu ma jistghux jikkontrobilancjaw b’ ebda mod l-allarm socjali li hu w l-ko-akkuzat ikkagunaw bil-ksur sfrenat tal-ligi li ghalih issa irid jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta’ .**

**Din il-Qorti anzi tmur oltre u tara li l-appellant jikkostitwixxi minaccja serja ghas-socjeta' w li bl-ammissjoni bikrija tieghu b' kollox, hu desiderabbli li hu jitnehha mic-cirkolazzjoni jekk mhu ghal xejn biex is-socjeta' tigi protetta minnu. Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati w b' mod partikolari mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). <u>Where an offender has been</u>

caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….." **(Sottolinear ta' din il-Qorti)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti kkonsidrat il-punti l-ohra kollha sollevati mill-abbli difensur tal-appellant fi sforz biex l-appellant ma jinghatax piena karcerarja effettiva, imma din il-Qorti tara, li apparti li uhud minn dawn il-konsiderazzjonijiet mhumiex rilevanti w validi, zgur li fil-kaz in ezami mhumiex idoneji w applikabbli ghall-kaz odjern.**

**Ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena u li, fic-cirkostanzi, f' kull kaz, kienet pjuttost miti mall-appellant .**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------